## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2024

Kawża Nru 124/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Giovanni Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Giovanni Camilleri**, iben Guzeppi Edgar Camilleri u Maria Camilleri nee Said, imwieled nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 1982 u residenti numru wieħed (1), Silver Jubilee, Triq Gorg Zammit, Mġarr Malta detentur tal-karta tal-identita numru 336982(M) talli nhar id-disgħa (9) ta' Lulju 2022 għall-ħabta ta'

nofsinhar (12:00hrs) waqt li kien qiegħed isuq id-dgħajsa fil-limiti ta' Kemmuna:

(1) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġuna ġrieħi gravi fuq Zheng Wenhui, hekk kif iċċertifika Dr Peter Lipavskly mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.[1]

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-Parte Civile u lid-Difiża jiddikjaraw fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid id-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

[1] Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: il-parte civile Zheng Wenhui irrappurtat li fid-disgħa (9) ta' Lulju 2022, hija kienet involuta f'inċident waqt li kienet fuq dgħajsa fl-inħawi ta' Kemmuna. Hija spjegat li hija gwida tat-turisti u li dakinhar kienet ħadet familja ta' ħamsa (5) min-nies Kemmuna. Dawn riedu jmorru *parasailing* u hija kienet akkumpanjathom. Kompliet tgħid li b'kollox kien hemm erbatax (14) -il ruħ fuq din id-dgħajsa. Ħadd ma kien liebes life jacket u ħadd ma kien qed iżomm mad-dgħajsa. Hija żiedet tgħid li kien ir-riħ u li l-baħar kien imqalleb. Hija kienet bilqiegħda fuq in-naħa ta' quddiem tad-dgħajsa. F'daqqa waħda hija spiċċat taret fl-arja u reġgħet niżlet fuq is-seat tagħha b'sabta minħabba mewġa kbira. Bid-daqqa żviluppalha uġiegħ kbir f'daharha. Għalkemm kienu offrewlha biex tinżel l-art, hija qagħdet tistenna lill-klijenti tagħha jlestu. Kien aktar tard imbagħad li hija niżlet Kemmuna magħhom. Hemmhekk hija talbet l-assistenza tar-rescue teams li kien hemm preżenti u dawn għamlu l-arranġamenti neċessarji biex hija tittieħed l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-kura. Hija baqgħet l-Isptar għall-ħamest ijiem.

Mill-investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija irriżulta li sid id-dgħajsa kien ċertu Giovanni Camilleri. Il-Pulizija bagħtet għal Camilleri u wara li ingħata d-drittijiet legali tiegħu dan stqarr li Zheng kienet *tour leader* ma' tnejn min-nies li kienu marru fuq id-dgħajsa tiegħu. Zheng intefgħet

quddiemu bil-wieqfa u hu qalilha biex tpoġġi bil-qiegħda għal tlett darbiet. Camilleri sostna li Zheng qaltlu li kien kollox sew u baqgħet bil-wieqfa quddiemu. F'ħin minnhom sab rima ta' dgħajsa li ikkaġunat mewġa. B'konsegwenza ta' hekk Zheng waqgħet lura u giet fuq is-seat. Hija bdiet tilmenta b'uġiegħ ġo daharha. Huwa qalilha jekk riditx tmur l-Isptar iżda dak il-ħin hija rrifjutat. Camilleri ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu akkużi kontra tiegħu.

Ikkunsidrat;

Biex tirriżulta l-akkuża li qed tiġi addebitata lill-akkużat trid tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[2]

Issir riferenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech***[3] fejn il-Qorti irrimarkat is-segwenti:

---

[2] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

[3] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 1998.

*"Kif jispjega il-ġurista Taljan Francesco Antolisei biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta għal xi fini partikulari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe' l-esperjenza komuni għal bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jespletaw attivita partikulari – tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerta prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu preġudikati. Jekk wieħed jabbina dak li jgħallem l-Archbold ma' dak illi qalet din is-sentenza l-attivita tal-appellat trid tkun b'tali mod illi fl-esperjenza tiegħu bħala persuna teknika kellhu jieħu ċerta prekawzjonijiet bl-għan li jevita li l-interessi ta' terzi jiġu preġudikati. Il-Qorti trid tara jekk dawn il-prekawzjonijiet itteħdux jew jekk ittieħdu min kien li abbuża minnhom."*

Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Diċembru 1957 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Carmel Grech*** fejn ingħad illi:

*"Meta bniedem jqiegħed lilu nniffsu f'posizzjoni ta' perikolu u jiġi ferut huwa jkun negliġenti. Imma jekk min ferih kien negliġenti, wkoll dan jibqa' ugwalment responsabbli kriminalment, jekk in-negliġenza tal-offiż kienet biss kontributorja u mhux għal kollox kawża unika u determinati ta' dak li ġara."*

Dan in linea mal-prinċipju li f'sede kriminali kulħadd iwieġeb għall-aġir tiegħu **sakemm dak li jiġri ma jkunx dovut unikament w esklussivament għall-ħtijiet da parti ta' terzi**.[4]

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet jidher li d-dgħajsa ħadet skoss qawwi minħabba mewġa. Il-parte civile tgħid li dan seħħ għax il-baħar kien imqalleb filwaqt li l-akkużat isostni li l-mewġa ġiet kaġunata minn rima ta' dgħajsa li għaddiet fil-viċinanzi. B'konsegwenza ta' dan l-iskoss qawwi, il-parte civile soffriet ġrieħi f'daharha u kellha tiġi rikoverata l-Isptar għal xi jiem. Il-parte civile qed tabbina dan l-inċident għan-negliġenza li skont hi wera l-akkużat.

[4] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Gaetano Schembri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax(16) ta' Marzu 1961 u **Il-Pulizija v John Polidano** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Novembru 1963.

Minn eżami tax-xhieda u tal-provi li inġabru f'din il-kawża, din il-Qorti ma tista' tirriskontra l-ebda kondotta negliġenti da parti tal-akkużat u li b'xi mod tista' twassal għal xi sejbien ta' ħtija fih għal dak li seħħ. Ibda biex mill-verżjoni li l-parte civile tat fl-okkażżjoni meta għamlet ir-rapport mal-Pulizija kif wkoll fid-diversi istanzi li hija xehdet f'dawn il-proċeduri, hija fl-ebda ħin hija ma allegat li l-akkużat għamel xi azzjoni partikolari li kienet il-kaġun tal-istess inċident. Ma jidhirx li kien għaddej b'xi veloċita enormi li wassal sabiex ġie kaġunat l-istess inċident. Infatti meta l-parte civile ġiet mistoqsija mill-Uffiċjal Prosekutur b'liema veloċita kienet għaddejja d-dgħajsa, il-parte civile wieġbet: *"He is not fast, no. He is not fast. I think the wave, you know, it is not fast, you know."*[5] In kontro-eżami l-istess xhud tikkonferma li l-inċident seħħ minħabba l-mewġa:

> *"Dr Marsette Portelli Xerri: I repeat, no problem. So, in your testimony you said that whatever happened, happened because a huge wave occurred.*
>
> *The Witness: It is wave for sure because I do not know how huge because I was sitting down ..... I cannot say how huge the wave, but if it is not huge wave I cannot go up and fell down."*[6]

[5] Fol. 20 tal-proċess.
[6] Fol. 49 tal-proċess.

Fis-sottomissjonijiet finali tagħha l-parte civile imbagħad tipprova tallega li l-inċident seħħ għaliex l-akkużat ma evitax il-mewġa li kienet ġejja u li huwa ma kienx moħħu hemm fl-immanuvrar tad-dgħajsa għax kien qiegħed iħares lura. Dan l-argument pero irid jittieħed kif jgħidu l-Ingliżi *with a pinch of salt*: l-attivita li kien qed jiġġestixxi l-akkużat u li minnha huwa kien responsabbli **kienet tirrikjedi li huwa jiffoka l-attenzjoni tiegħu kemm fuq dak li kien hemm quddiemu u anke fuq dak li kien qed jiġri warajh peress li huwa kellu n-nies fl-ajru bil-parachute**. Fiċ-ċirkostanzi l-akkużat ma setax jiffoka l-attenzjoni tiegħu unikament fuq quddiem u jinjora għal kollox dak li jkun qiegħed iseħħ fuq in-naħa ta' wara tad-dgħajsa. Li kieku għamel hekk żgur li kien ikun negliġenti fl-aġir tiegħu għax ma kienx qiegħed jippresta attenzjoni għan-nies li jkunu qed jtiru bil-parachute. Il-fatt li l-akkużat kien wkoll konxju ta' dak li kien qed jiġri warajh ma jeskludix li huwa ma kienx jaf x'qed jiġri quddiemu: mix-xhieda tiegħu ħareġ kif huwa kien attent għad-dgħajjes tal-madwar biex huwa jżomm 'l bogħod minnhom. Saħansitra wkoll kien attent għal dak li kien qed jiġri quddiemu fid-dgħajsa stess, tant li jistqarr li talab lill-parte civile tpoġġi bil-qiegħda. Il-Qorti m'hi qed tirraviża l-ebda nuqqas da parti tal-akkużat f'dan ir-rigward; anzi dan kollu jservi ta' konferma kemm l-akkużat kien moħħu hemm f'dak li kien qiegħed jagħmel.

Din il-Qorti hija konvinta wkoll li l-parte civile spiċċat soffriet ġrieħi propju għaliex hija kienet bil-wieqfa fil-mument li ġiet il-mewġa li tat

skoss qawwi lid-dgħajsa. Għalkemm il-parte civile tinsisti li hija kienet bilqiegħda, il-Qorti mhijiex daqstant konvinta b'din il-verżjoni. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi ta' diversi fatturi:

(1) għalkemm kien hemm erbatax (14) -il ruħ fuq din id-dgħajsa kienet biss l-parte civile li soffriet ġrieħi. Id-dgħajsa ma kinitx waħda kbira; anzi l-istess xhud fid-deposizzjoni tagħha tat-tletin (30) ta' Novembru 2024 tindika li kienet waħda żgħira u li l-erbatax (14) -il ruħ kienu joqogħdu preċiż fuq id-dgħajsa. Dan huwa wkoll konfermat mir-ritratti esebiti mill-parte civile stess fejn in-nies jidhru qegħdin bilqiegħda biswit xulxin. Tenut kont id-daqs tad-dgħajsa ma jistax jkun li partijiet mid-dgħajsa ġew affettwati bil-mewġa b'mod differenti minn partijiet oħrajn. Jekk l-impatt tal-mewġa mad-dgħajsa kien wieħed qawwi u kullħadd kien qiegħed bil-qiegħda f'dan il-mument, tqum weħidha l-mistoqsija kif ħadd mill-passiġġieri l-oħra ma ġralu xejn u kien biss il-parte civile li ħadet it-tisbita u spiċċat weġġgħet daharha?! Dan aktar u aktar meta l-istess parte civile kienet stqarret fir-rapport inizjali tagħha li ħadd mill-passiġġieri ma kien qiegħed iżomm fid-dgħajsa. Għall-Qorti dan huwa sinjal pjuttost indikattiv li l-parte civile ma kinitx bil-qiegħda għaliex kieku ma kien jiġrilha xejn kif *del resto* ma ġralhom xejn il-passiġġieri l-oħra fuq l-istess dgħajsa;

(2) il-parte civile kienet telgħet fuq id-dgħajsa bl-iskop speċifiku u uniku li tieħu r-ritratti lill-klijenti tagħha waqt l-attivita ta'

*parasailing*. Hija ippreżentat numru ta' ritratti li ħadet dakinhar. L-angolatura tar-ritratti tindika b'mod ċar li dawn ittieħdu min-nofs tad-dgħajsa u minn persuna li kienet qiegħda bil-wieqfa.[7] Dan biex il-parte civile setgħet iġġib eżatt il-post minn fejn il-klijenti tagħha kienu qegħdin jitilqu bil-*parachute*. Li kieku ittieħdu mill-ġenb minn bil-qiegħda, l-angolatura tar-ritratti kienet tkun differenti. Dan ifisser allura li l-parte civile f'xi ħin żgur li kienet bil-wieqfa u mhux bil-qiegħda fid-dgħajsa;

(3) tant kemm kien importanti li wieħed joqgħod bil-qiegħda waqt li d-dgħajsa tkun qed tiġi manuvrata, li fl-istess dgħajsa kien hemm diversi avviżi f'dan is-sens.[8] Stranament, il-parte civile fl-ebda ħin m'għamlet riferenza għal dawn l-avviżi li kien hemm fid-dgħajsa għalkemm tat diversi dettalji oħra fosthom wkoll dwar il-life jackets. Il-fatt li kien hemm dawn l-avviżi jindika wkoll kemm l-akkużat kien qed jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji biex jiġu evitati inċidenti lill-passiġġieri tiegħu;

(4) il-parte civile kienet konxja li l-baħar kien għadu pjuttost imqalleb riżultat tal-maltemp tal-ġurnata ta' qabel. Infatti hija stess tgħid meta għamlet ir-rapport inzjali tagħha li *"the sea was choppy"*.[9] Hija aktar u aktar għalhekk ma kellhiex għalfejn toqgħod bil-wieqfa fid-dgħajsa tieħu r-ritratti jekk kienet konxja li l-baħar ma kienx kalm; għall-Qorti l-parte civile ħadet riskju li ma kellhiex

[7] Ara b'mod partikolari ritratti a fol. 33, 34, 35 u 36 tal-proċess.
[8] Ara ritratti a fol. 60, 61 u 63.
[9] Fol. 7 tal-proċess.

għalfejn tieħu liema riskju sfortunatament wassal sabiex hija soffriet ġrieħi f'daharha. Huwa evidenti li dan kien nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-istess parte civile;

(5) punt ieħor wkoll li jqajjem dubji dwar il-veraċita tal-verżjoni tal-parte civile huwa li fir-rapport inizjali u anke fix-xhieda tagħha tgħid li **<u>ħadd</u>** mill-passiġġiera ma kien liebes il-life jacket. Mir-ritratti esebiti mill-istess parte civile dan jirriżulta li ma kienx minnu għax tal-anqas persuna minnhom kellha *life jacket* ta' lewn safranija;[10]

(6) l-akkużat meta ta l-verżjoni inizjali tiegħu lill-Pulizija insista li l-parte civile kienet bil-wieqfa u li għal tlett (3) darbiet huwa kien talabha biex toqgħod bil-qiegħda. Hija pero kienet injorat dawn it-talbiet tiegħu. Dan kollu reġa' jikkonfermah waqt id-deposizzjoni tiegħu:

*"Kienet fuq l-art, u x'ħin rat in-nies tagħha ġejjin miegħi, qaltli, "jimporta niġi fuq id-dgħajsa, neħdilhom ir-ritratti ?" Jiena, ta' bniedem normali, għidtilha, "Iva, mela le, mhix problema, ejja." U ħerġin 'l barra u x'ħin qamet l-ewwel erba' koppji kienet bilqiegħda. Kif bdew telgħin in-nies tagħha, qamet bilwieqfa. Għidtilha, "isma', oqgħod bilqiegħda għax għaddejja d-dgħajsa, u ħa taqa'*

[10] Ara ritratt a fol. 33 tal-proċess.

*u ħa tweġġa'." Qaltli "I know about boats". X'ħin marret biex tpoġġi bilqiegħda l-mewġa laħqet ġiet u instabtet bil-qiegħda fuq is-seat, ma waqgħetx mal-art, fuq is-seat instabtet bilqiegħda fuq il-foam...... Biss jiena ma nistax bil-parachute inġiegħel lin-nies, naqbad in-nies minn idejhom inpoġġihom bilqiegħda fuq is-seat. Għandi l-istickers "people must remain seated during navigation" . . .*

*Jiena dak il-ħin kelli l-parachute bin-nies bil-parachute warajja, jekk naqtagħlha l-gass id-dgħajsa ħa jaqgħuli n-nies il-baħar, ma nistax naqtagħlha l-gass kif irrid id-dgħajsa jien; indawwarha naqra nista', imma meta jkollu l-parachute warajja, il-parachute qiegħed in arja, inti qed tiġbed il-parachute, ma tistax taqtagħlha l-gass biex ma tinstabatx id-dgħajsa għax il-bqija n-nies ħa jaqgħulek il-baħar."*[11]

(7) ta' min jinnota wkoll li waqt il-kontro-eżami tal-akkużat, il-parte civile ma ippruvat bl-ebda mod tikkontesta l-istqarrija tal-akkużat li huwa kien ġibdilha l-attenzjoni biex hija toqgħod bil-qiegħda u li ma setgħetx tibqa' bil-wieqfa. Lanqas ma ġiet kontestata d-dikjarazzjoni tal-akkużat li huwa kellu l-avviżi fuq id-dgħajsa biex in-nies jibqgħu bil-qiegħda;

[11] Fol. 51 u 52 tal-proċess.

(8) finalment kuntrarjament għal dak li sostniet il-parte civile fis-sottomissjonijiet finali tagħha, mhuwiex minnu li *a tempo vergine* l-akkużat ma semmiex il-fatt li l-mewġa kienet ġiet ikkawżata minn rima. Mill-affidavit ta' PC 2031 Susan Muscat jirriżulta li meta l-akkużat ta l-verżjoni inizjali tiegħu lill-Pulizija kien għamel riferenza għall-fatt li kien sab rima ta' dgħajsa oħra.[12] Dan kollu għall-Qorti jkompli jsaħħaħ il-koerenza u l-kredibbilita tal-akkużat. Il-Qorti m'hi qed tara l-ebda raġuni plawsibbli għalfejn għandha tiskarta l-verżjoni tiegħu għaliex hija aktar verosimili minn dak li xehdet l-istess parte civile.

Tenut kont dan kollu l-Qorti ma tqisx li l-inċident kien riżultat ta' xi aġir negliġenti da parti tal-akkużat; anzi pjuttost huwa l-każ li l-inċident seħħ minħabba riskji li ħadet il-parte civile u li fiċ-ċirkustanzi hija ma messitx ħadet.

In vista ta' din il-konklużjoni, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tinoltra ruħha fuq u tinvestiga jekk il-feriti sofferti mill-parte civile jammontawx għall-feriti gravi u jekk effettivament jistax jingħad li tali feriti ma ġabux il-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- **<u>Decide</u>**

---

[12] Fol. 13 tal-proċess.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur